Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

**Pjazza Orvieto, Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**

*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt** *website:* **www.kercem.gozo.com**

# RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2018

## Kunsill li wettaq

Ninsabu fil –bidu ta` sena gdida u ncidentalment fi tmiem ta` legislatura ohra ghall-Kunsill Lokali Ta` Kercem. Dan peress li f` Mejju li gej ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f`Malta u Ghawdex kollha flimkien mal-elezzjonijiet ewropej.

Harsa lura lejn dak li sar kemm qabel kif ukoll matul din is-sena, ninnutaw b`sodisfazzjon li dak kollu li gie mwieghed lir-residenti ta` Kercem u Santa Lucija qabel fdawna bil-vot taghhom, illum niftahru li wettaqna dawk ix-xoghlijiet u weghdi ohra li kien fid-dmir taghna li nwettqu. Nista` nassigura lil kulhadd li dan ma kienx facli, pero` minhabba l-ghaqal li dejjem mexa bih dan il-Kunsill, l- ghajnuna minn diversi Ministeri, fondi ewropej u dipartimenti ohrajn, stajna nwettqu dan kollu.

Dan ma jfissirx li lhaqna t-tragward taghna, anzi huwa biss il-bidu ta` triq li trid twassalna ghal dan it-tragward. Nammetti li kif tennejt kemm il darba, il-bidu kien iebes hafna imma darba li ssuperajna din il-fazi, fiducjuz li fi zmien li gej u flimkien nistghu nkomplu noholqu aktar gid ghall-lokalita` sabiha taghna. Dan nista` nazzarda nassigurah ghax konvint li bil-pass li qbadna nistghu nwettqu dak li qed jigi mwieghed ghas-snin li gejjin.

Irrid insemmi li wahdi ma kont naghmel xejn imma sibt f`dan il-Kunsill, tim u tim tajjeb. Bl-ghajnuna mprezzabbli tas-segretarju ezekuttiv , l-istaff u l-haddiema ta` dan il-kunsill, li flimkien mac- chairperson tal-kumitat amministrattiv ta` Santa Lucija, gharafna nibnu struttura li tatna rizultati pozittivi mixtieqa. Konna kunsill bil-biebien kien miftuha fejn kullhadd kellu l-opportunita` li jaghzel qasam li kien komdu jahdem fih. Pero` forsi minhabba mpenji ohrajn, mhux kulhadd kien dispost li jaghti l-kontribut tieghu. Ghalhekk irrid nirringrazzja lil kull min li lealment, ghazel li jghin biex dan il-kunsill setgha jkun ta` l-

aqwa servizz ghar-residenti ta` Kercem u Santa Lucija. Irrid nirringrazzja nies li sahansitra ghalkemm ma` humiex involuti direttament fil- kunsill, taw servizz u ghajnuna kontinwa ghall-dan il-kunsill. Nirringrazzja fost ohrajn lis- sur Raymond Grech u lis-sur Horace Vella li kull meta mitluba, dejjem kienu t`ghajnuna fix-xoghol taghhom b`mod volontarju u kull mezz li setghu. J`Alla aktar persuni u b`rieda tajba, jiehdu dan l-ezempju u jharsu lejn il-kunsill bil-mod ta` x`nista` naghti u mhux x`ser niehu. Finalment nirringrazzja lir-residenti ta` Kercem u Santa Lucija li dejjem fehmuna, ikkooperaw maghna u kienu anke` t`appogg fl-operat taghna.

Kif jaf kulhadd, ma tantx sibna qaghda finanzjarja sabiha pero` matul dawn is-snin irnexxielna nikkontrollaw b`mod ghaqli il-finanzi ta` dan il-Kunsill, kuntrarjament ghal dak li gie rrappurtat mill-Awditur Generali. Illum nistghu niftahru li matul din il-legislatura fassalna pjan u bdejna nhallsu diversi kontijiet pendenti lill-kuntratturi u debituri ohra. Dan sar minghajr ma qaghdna lura milli naghmlu l-prioritajiet u progetti mehtiega ghall-lokalita` taghna.

Irnexxielna niksbu diversi fondi biex stajna naghmlu minn tal-anqas, ghaxar toroq godda fil-lokalita` taghna. Dan ifisser total ta` kwazi tlett toroq fis-sena. Insemmi li wara li hargu t –tenders ghal toroq li ksibna fondi ghalihom kemm mill-Ministeru ghall-Ghawdex kif ukoll minn fondi ewropej, illum nistghu ngawdu minn zewg toroq li kienu ta` priorita ghal Kercem. Tlestiet triq il-lunzjata fejn trangat il-mina tad-dahla ta` Kercem u bhalissa ghaddej x-xoghol fuq l-embelliment tal-madwar. Inbeda wkoll ix-xoghol permezz tal-mizura 4.3 fuq Triq ta` Santa Katerina tal-Qabbieza liema triq fiha l`fuq minn kilometru li ser tkun ta` beneficcju ghal-bdiewa u rahhala kercmin.

B`fondi ewropej, u bi ftehim mal-WSC inaghtat kisja tarmac, it- triq ta` Qasam San Gorg u triq ta` San Niklaw. Dawn it-toroq saru wara applikazzjoni li l-WSC ghamlu ghall-progett ta` New Water, b`fondi tal-unjoni Ewropeja.

Permezz tal –iskema tal-PPP, u bl-ghajnuna tad-dipartiment ghal-Gvern Lokali, tlestew toroq ohra, kemm gewwa ta` Kercem u Santa Lucija. Dawn huma triq is-Santwarju Puniku, parti minn triq is-Summien kif ukoll triq il-Gamiem. Permezz ta`l-inizzjattiva ghall-Tarmac fil-lokalita`, tajna wkoll t-tieni kisja tat-triq il-Horg. Sa tmiem din il-legislatura se nwettqu l-weghda li ghamilna fil-programm elettorali fejn il-Housing Estate kollu ser ikun lest bit-tarmac. Dan ghax bl-ghajnuna tal-Ministru Ghall-Ghawdex ser isiru fil-jiem li gejjin , triq Wenzu Mintoff, triq il-Gojjin u parti l-ohra minn triq is-Summien.

Grazzi ghalhekk lill –Ministru ghall-Ghawdex, li wara li rat il-kunsill taghna jonora x-xoghlijiet kollha li nghataw u fil-hin, kienet l-istess Ministru, Dr. Justyne Caruana li wriet l-interess li tkompli tghin lil lokalita` taghna permezz tal-iskema toroq f`Ghawdex. Matul din is-sena , permezz ta` din l-iskema, se nissomettu talbiet ohra ghall-triq Ghajn Tuta u naraw li tinaghta priorita` assoluta. Qed issir talba wkoll ghall- triq ta` Doti u triq Klula. Fuq triq Ghajn Tuta

irrid nirrimarka li din it-talba saret anke s-sena l-ohra pero` fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru , il- housing estate kellu jinaghta l-priorita li jitlesta b`din it-triq issir fis-sena 2019.

Minn fondi ta` Sebbah il-lokalita` li rnexxielna niksbu, hemm il-hsieb li fil-gimghat li gejjin ser napplikaw biex isir tisbieh fl-inhawi tal- Ghadira ta` Sar Raflu fejn hu anke mahsub li jsir anke *picnic area.* Permezz ta` fondi tad- Development investment funds, saret applikazzjoni ghal- pitch tal- bocci gdid u upgrading tal-playing field.

Permezz ukoll ta` zewg haddiema mpjegati mal-Kunsill u tnejn ohra assenjati mal-iskema, inbnew kilometri ta` hitan tas-sejjieh u saru anke diversi bankini madwar ir-rahal. B`haddiema ohrajn assenjati maghna stajna nzommu r-rahal taghna fl-ahjar stat ta` ndafa u ssir il-manutenzjoni mehtiega fejn kien necessarju. Il-gonna pubblici li jinsabu fil-lokalita` taghna wkoll, rajna li jinzammu fl-ahjar stat ta` ndafa possibbli, minghajr ma jkun hemm abbandun u dejjem imhaddra.

Zammejna l-ahjar relazzjoni mal-ghaqdiet volontarji fir-rahal ta` Kercem u Santa Lucija fejn konna t`ghajnuna biex inkisbu fondi ghall-ghaqdiet rispettivi minn diversi entitajiet tal-gvern kif ukoll privati. Bhall ma dejjem sar, tajna l-ghajnuna taghna anke fil-festi li jigu organizzati fil-parrocca taghna u hdimmna tajjeb hafna flimkien mal-kappillan u l-istess ghaqdiet. Bhala Kunsill, hdimmna id, f`id mal-kumitat amministrattiv ta` Santa Lucija tant li illum niftahru li ghalkemm l-izghar hamlet, huwa l-iktar wiehed li ta` rizultati mill-aktar pozittivi. Bizzejjed wiehed jirrimarka li dan il-kumitat irnexxielu jgib ghar-rahal taghna il-fuq minn kwart ta` miljun ewro . Fondi addizzjonali, illi li kieku ma kienx ghal dawn il-membri habbrieka, kienu zgur jintilfu.

Fost dawn ir-rizultati insibu li ghall-ewwel darba, intremat Christmas Tree grandjuza fuq l-gholja ta` Ghar Ilma propja fejn gimghat qabel issir attivita` ohra simili fejn issir il-mixghela bil-fjakkoli ta` din l-istess gholja. Dawn huma inizzjattivi li rnexxew tant li qed ikunu t`attrazzjoni ta` bosta Ghawdxin, Maltin kif ukoll barranin li joghgobhom izuru l-gzira taghna. Attivita` ohra li llum dahlet fil-kalendarju kulturali u li tirnexxi b`tant success hija l-festival li jittella` f`Ottubru bl-isem tas-Symphony of Lights. Ghall-ewwel darba wkoll, din is-sena , dan il-kuncert ittella` mill-Ghaqda Muzikali San Girgor taht id-direzzjoni tas-Surmast Mark Gauci fejn b`professjonalita` kbira, paxxew il-mijiet ta` dilettanti u li ta` kull sena qed izidu fl-attendenza taghhom. Il-progett tal-mini u tal-kanali tal-ilma, minn fondi diversi, huma wkoll frott il-hidma ta` dan il-kumitat u li qed jattiraw gruppi ta` tfal u adulti fil-hargiet li jorganizzaw. Permezz ta` dan il-progett ir-rahal taghna qed iservi t`attrazzjoni ghal kulhadd matul is-sena kollha.

Minkejja dan ix-xoghol kollu, bhala kunsill bqajna noffru is-servizzi necessarji kollha mill-ufficcju tal-Kunsill sabiex ir-residenti taghna jinaghtaw l-ahjar u jkunu moqdija minghajr il-htiega li johorgu l-barra mir-rahal taghna. Tejjibbna s-servizz tal-Bulky Refuse fejn matul din is-sena anke`, ergajna konna fuq ta` quddiem fost l-irhula tal-gzejjer Maltin u zammejna il-lokal taghna fl-ahjar stat ta` ndafa possibbli. Bqajna norganizzaw ukoll hargiet ghall-anzjani,

residenti u tfal matul is-sena kollha fejn numru sabih taghhom qed jattendu u johorgu sodisfatti bl-organizzazzjoni ta` dawn il-hargiet. Dan ghax nemmnu li b`hekk qed inzommu kuntatt socjali tajjeb ma` dawn ir-residenti li minn naha taghhom, jirrispondu bil-prezenza taghhom. Ghal sena ohra ergajna organizzajna ghat-tfal zghar taghna, il-laqgha ma` Father Christmas u t-tqassim tar-rigali propju f`lejlet il-Milied. Inizjattiva li nizlet ghasel ma` dawn it-tfal u sahansitra mal-familjari taghhom fosthom genituri u nanniet li attendew ghal din l-attivita` u kellhom kliem ta` tifhir ghall-kunsill lokali li hareg b`din l-inizjattiva sabiha.

Pero kif jghid il-malti, "kull bidu fih it-tmiem" u kif ga semmejt fl-introduzzjoni tieghi, mal-bidu ta` din is-sena gdida se nsibu t-tmiem tas-sitt legislatura tal-kunsill lokali ta` Kercem. B`sodisfazzjon inhares lura u niftahar li dan kien kunsill li wettaq. F`kelma wahda, wettaq dak li wieghed u ha kull okkazjoni li gietu li jwettaq progetti ohra li ma kienux ppjanati, izda b`fondi addizzjonali saru possibbli. B`dispjacir izda jkolli nghid li ghalkemm ghamilna li stajna u forsi aktar milli stajna rigward il-problema tat-trakkijiet ghadna ma wasalniex. Zgur li din se tibqa l-weghda numru wiehed u li tinaghta l-massima priorita` sabiex tissolva mill-aktar fis possibbli. Wara diversi laqghat ma diversi entitajiet u awtoritajiet, jidher li hemm ftit rieda tajba minn naha taghhom u ghalhekk perswaz li b`aktar determinazzjoni minn naha taghna, naslu.

Dan hu l-mod ghaqli li mxejna u kif hu nnotat, halla l-frott u li kien ta` gid ghall-lokalita` taghna. Kif ga semmejt ukoll, baqa` hafna xi jsir u umilment inhoss li anke jien baqali hafna x`naghti. Ghalhekk flimkien ma ` shabi ohrajn, iddecidejt li nerga` nikkandida ruhi ghal-elezzjoni ohra tal-kunsilli lokali biex flimkien inkomplu nahdmu BISS, ghall- ahjar interessi tar-rahal taghna Ta` Kercem u Santa Lucija kif dejjem ghamilna sa llum.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |